# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 4*

***6.00p.m 25 ta' Settembru 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku

### *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *4.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

3.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li rċieva ittra t'apoloġija mill-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri li talab biex ikun skużat minħabba li huwa ma jiflaħx. Il-Kunsilliera kollha qablu li jkun skuzat, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda.

## *4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

4.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 3 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

4.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sibt 21 ta' Settembru l-Kunsill organizza Clean up li tassew kienet suċċess hekk kif sar sforz tassew kollettiv sew min naħa tal-Kunsilliera, li personalment irringrazzjahom tas-sehem sħiħ li taw, kif ukoll li bl-għajnuna tal-Cleansing Department sar xogħol ta' tindif li kien ilu ħafna żmien ma jsir speċjalment fl-akwata ta'Triq San Bernard. Is-Sindku qal ukoll li matul il-gimgħa l-oħra ġie avviċinat min Membri oħra tal-Kunsill sabiex jitnaddfu postijiet oħra. Huwa ma ridtx li jxejjen dawn l-inizjattivi u kien għalhekk li it-tindif tal-lokal estenda f'żoni oħra tal-lokal.

4.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jerġa jirringrazzja s-sehem ta' kull persuna li ġie biex jgħin fil-Clean Up, fosthom il-preżenza tal-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Deo Debattista, u xtaq ifakkar kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għen il-Kunsill billi ngħataw l-ammont ta' €750 sabiex jinxtara tagħmir biex dawk preżenti għall-Clean Up ikunu jistgħu jnaddfu.

## *4.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

4.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li filwaqt li apprezza li S-Sindku cempillu biex jirringrazzjah li attenda wara li saret il-Clean Up huwa qal li ferm aktar koordinazzjoni matul din l-attivita'. Huwa semma' li minkejja li ġew żewġ Segretarji Parlamentari għal din l-attivita' u ffukaw fuq iż-żona ta' Triq San Bernard, kien hemm diversi postijiet oħra fejn kien hemm bżonn it-tindif. Kien hawn li l-Kunsillier beda' juri ritratti ta' Triq Belt il-Ħażna. Is-Sur Francis Debono ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li jridu noqgħodu attenti li it-tindif li jsir ma jkunx fil-privat għax hekk inkunu qegħdin noħolqu problemi fil-futur għall-Kunsill. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qal li

minkejja li sar ħafna xogħol ta' tindif matul il-Clean Up dan qatt ma ser ikun biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet ta' lokal bħal dan. Huwa rrassikurah li t-tindif kollu li sar kien f'żoni tal-Gvern u mhux tal-privat.

4.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li li fi Triql-Assunta ma Triq Sawra qed ikun hemm tgeddis tal-boroż tal-iskart. Kien hawn li l-Kunsillier wera' r-ritratti. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser jinforma l-kuntrattur dwar dan sabiex nidentifikaw jekk dan it-tgeddis hux qed isir mill-ħaddiema tal-kuntrattur.

4.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab lis-Sindku jispjega ir-raġuni għaliex il-Kunsill ressaq oġġezzjoni lill-Planning Authority f'isem il-Kunsill Lokali qabel ma din ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li din it-tema għaddiet bħala email għaliex id-deadline għall-oġġezzjoni kienet sat-23 ta' Settembru. Is-Sindku qal ukoll li huwa ordna l-perit tal-Kunsill biex jagħmel l-oġġezzjoni wara li kien hemm maġġoranza ta' Kunsilliera favur li jsir dan.

4.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab is-Sindku sabiex jispjega għaliex ħareġ stqarrija dwar il-Pulizija fil-gimgħat li għaddew. Is-Sindku qal li huwa ħareġ stqarrija personali minħabba s-sitwazzjonijiet li kien qed jiltaqa' magħhom b'mod regolari u li kellu bżonn rispons immedjat. Huwa spjega li tkun diffiċli ħafna li wieħed jikkonkludi problemi li jinqalaw u jistenna kull darba laqgħa tal-Kunsill darba f'xahar. Madanakolla jixtieq jispeċifika li huwa jista' jpoġġi fuq facebook opinjonijiet li qed jaffetwaw il-lokal.

4.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li ħassu ferm iddisappuntat mill-ammont fqir ta' nies li attendew għall-Clean Up. Dan jinkludi wkoll li n-numru zgħir ta' persuni li ġew mill-għaqdiet. Huwa personalment talab sabiex l-għaqdiet jiġu kkuntatjati mill-Kunsill biex dawn jattendu l-Clean Up. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li huwa ukoll jħossu ddiżappuntat mill-attendenza tar-residenti u l-għaqdiet madanakollu jista' jikkonferma li l-amministrazzjoni tal-Kunsill cemplet lill-kull għaqda biex dawn ifakkruhom f'din l-attivita'.

4.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jikkritika' l-mod ta' kif sar il-Clean Up. Huwa jixtieq jirrimmarka li kienet inaċċettabli li resident jiddetta l-Kunsill fejn inaddaf u hija sitwazzjoni li mhuwiex ser jippermetti darb'oħra. Apparti hekk huwa qal li kellu jkun hu li jinforma lis-Segretarji Parlamentari li l-art li kienu ser jnaddfu kienet art privata. Wara tkellem ir-resident fejn beda' jiddetta li jitnaddaf il-parti ta' fuq fejn joqgħod hu. Il-Kunsillier, irrrimarka li filwaqt li tnaddfet art privata l-munzell ta' pellets li hemm tal-kumpanija fl-akwata qatt ma tneħħew. Huwa qal ukoll li s-Segretarji Parlamentari zaru Triq San Bernard iżda l-Clean Ups l-oħrajn li kien hemm fil-Menqa u Qormi Road ħadd ma ġie jzurhom minkejja l-fatt li huwa stess talabhom jiġu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minkejja li setgħa kien hemm xi nuqqasijiet li setgħu saru xorta waħda jemmen li l-attivita' kienet waħda pozittiva u li ħalliet impatt pożittiv. Huwa emfasizza li l-ebda art privata ma ġiet mittiefsa f'din il-Clean Up u jemmen li bl-għajnuna ta' kulħadd dejjem hemm lok ta' titjib, iżda tkun inġusta jekk wieħed jara biss in-nuqqasijiet. Dwar il-pallets is-Sindku qal li ser jkun qed jinvestiga l-każ.

4.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li dwar il-Clean Up tkun ideja tajba jekk fil-futur ikunu l-għaqdiet tal-lokal fejn jinfurmawna il-postijiet fejn iridu jnaddfu. Per eżempju l-iscouts jistgħu jnaddfu n-naħa ta' Triq Zerafa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li l-għaqdiet dejjem ikunu involuti u wieħed jista' jipprova jaddotta din l-istrategija fi Clean Ups oħra.

4.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono wera' ritratt fejn qed jerġaw jitħallew il-kaptelli fi Triq il-Pitkali. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser jerġa jinforma lil Transport Malta dwar dan.

4.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer wera' ritratti li bgħat il-Kunsill dwar culverts li hemm fil-Menqa u li huma fi stat perikoluż għal kull min ikun qed jgħaddi mill-akwata. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jiddentifika ta' min huma ċertu culverts u l-oħrajn li huma tal-Kunsill jsiru kem jista' jkun malajr sabiex jiġi evitat il-periklu.

4.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ġie avviċinat min grupp ta' dilettanti tad-dgħajjes li jridu joħolqu kumitat. Huma jixtiequ jistaqsu l-Kunsill jekk jistgħux jieħdu l-latrina t'isfel u jagħmlu l-manutenzjoni li hemm bżonn. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono rrimarka li l-kamra in kwistjoni hija waħda pjuttost zgħira. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li m'għandhu l-ebda problema li jieħdu dan il-post u l-Kunsill jitlob għad-devoluzjoni tiegħu. Madanakollu, jemmen li l-ewwel pass għandhu jkun li dan il-grupp jingħaqad u jagħmlu t-talba tagħhom uffiċjali bħala għaqda.

4.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lill-Kunsill li fil-Menqa hemm nuqqas ta' dawl fiż-żona ta' fejn hemm ir-regatta. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jitweħħlu xi bins bħalma ra fil-Bulgarija, u kien hawn li wera' r-ritratti. Il-Kunsillier wera' ritratti wkoll ta' skips ta' ġo l-art. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed ikellem il-kuntratur biex naraw x'jista' jiżdied bħala dawl fl-akwata. Dwar il-bins u l-iskips ta' ġo l-art dawn dejjem jistgħu jiġu diskussi l-quddiem u l-Kunsill jiddeċiedi fejn dawn jitpoġġew.

4.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia staqsa dwar il-possibilita' li jsir ċint fi Triq San Bernard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan iċ-ċint jista' jsir minħabba li attwalment ma hemm xejn xi jżomm il-ħamrija ta' fuqha.

## *4.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 08/2019 annessa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab spjega dwar l-infieq tat-tindif fejn ir-regatta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan it-tindif sar minħabba li kien hemm l-attivita' tar-regatta. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa fuq pagament addizzjonali li ngħata l-kuntrattur tat-tindif. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan kien tindif u xtuħ ta' ħaxix li qatt ma sar qabel f'Albertown.

4.5.2 Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *4.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

4.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Storika qed jitolbu permess bil-miktub mill-Kunsill biex l-għaqda tkun tista' tnaddaf is-sit tal-fdalijiet Rumani nhar is-Sibt 12 t'Ottubru fid-9.00 ta' filgħodu. L-Għaqda Storika qed turi l-appoġġ tagħha u tifraħ lill-Kunsill dwar l-

azzjoni li ħa fuq l-iżvilupp tal-bini wara c-Cimiterju tat-Torok. Wara diskussjoni dwar dan ġie miftiehem li l-Kunsill m'għandhux jitħol fuq art li mhux fil-kompetenza tiegħu, iżda jħeġġeg li l-Għaqda Storika tagħmel komunikat mall-awtoritajiet ikkonċernata. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien uanimu.

4.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa huma nteressati li jkorganizzaw Heritage Trail nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru bejn is-2.00p.m u l-5.00p.m. Għalhekk qed jistaqsu f'hiex il-Kunsill jista' jgħin biex din l-attivita' tkun suċċess. Wara diskussjoni qasira ġie miftiehem fost dawk preżenti li l-Għaqda tikkwantifika dak li teħtieġ u tkun idejali hekk iressqu mappa fejn jiġu ndikati l-postijiet li ser jinkludu fil-Heritage Trail. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

4.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Scouts Group qed titlob il-Kunsill sabiex ex membru tal-għaqda jingħata t-titlu ta' Ġieħ il-Marsa. Hawnhekk ġie miftiehem fost dawk preżenti li meta il-Kunsill ikun ser jikkunsidra din il-proposta meta jasal iż-żmien li jingħata dan l-unur. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

4.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-surmast tal-Iskola Primarja San Ġorġ Preca qed jitlob il-Kunsill l-ammont ta' €400 sabiex jinxtraw Maths Toolbox lill-istudenti. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

4.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Mużikali Trinita' Qaddisa tixtieq tiltaqa' mall-Kunsill sabiex jitkellmu dwar it-tħejjija tal-monument tas-Sur Anton Cassar kif ukoll jippreżentaw il-kwotazzjonijiet li għandhom. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

4.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsilliera dwar il-Yearly Fashion Celebration fejn il-Fondi miġbura jmorru b'risk il-Malta Community Chest Fund. Kull min huwa interessat jista' jimla formola mill-amministrazzjoni tal-Kunsill.

4.6.7 Is-Sindku sa-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq qed titlob li ssir laqgħa sabiex jiddiskutu t-talba li saret mill-Kunsill rigward Triq it-Tigrija u xi toroq oħrajn.

4.6.8 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi fakkar il-Kunsilliera dwar l-avveniment tat-3 t'Ottubru li ser issir mill-NGO Kopin fil-Belt Valletta. Kien hawn li qamet diskussjoni dwar kemm ser ikun kbir is-sehem tal-Kunsill f'din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li m'għandux ikollu problema li tkun ser tidher l-arma tal-Kunsill fl-attivita' peress li ser ikun hemm Kunsilli oħrajn. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

## *4.7 Deċiżjoni fuq Tender Upkeep and Maintenance of Footpaths and Other Ancillary Works*

4.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li kien hemm kuntrattur wieħed li applika għat-tender tal-bankini fil-lokalita' li l-Karmig Trading Limited. Il-prezz ta' dan it-Tender ser ikun qed jiddependi fuq ix-xogħolijiet li ser ikunu qed jitwettqu mill-Kunsill Lokali fis-snin li

ġejjin. Ta min iżid wkoll li l-kuntrattur li applika kellu r-rekwiżiti kollha mitluba min dan it-tender. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

## *4.8 Deċiżjoni fuq Tender Cleaning and Maintenance of Public Gardens*

4.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li kien hemm total ta' erbgħa kuntratturi li applikaw għat-tender għat-tindif u l-manutenzjoni tal-ġonna. Dawn kienu Tan-Naħla għall-prezz ta' €14,900 fis-sena, Aparks Limited għall-prezz ta' €25,905, Alistair Bezzina għall-prezz ta' €30,300 u finalment RM Eco Services għall-prezz ta' €31,300. Peress li kull kuntrattur li applika kellu r-rekwiżiti li ġie mitlub, il-Kunsill ser ikollu jagħżel dak il-kuntrattur li offra l-orħos prezz kif titlob il-liġi. B'hekk il-kuntrattur magħżul ser ikun in-Naħla. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *4.9 Kmamar ta' Ġnien Belvedere*

4.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jixtieq ikollu mandat ċar mill-Kunsill sabiex issir talba formali l-Gvern biex l-art tal-kmamar li hemm fi Ġnien Belveder isiru tal-Kunsill. Dan eventwalment ser ikun il-bidu biex il-Kunsill issejjaħ għall-interess tal-privat biex tiġi zviluppata dar tal-anzjani. Waqt id-diskussjoni, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li peress li l-Kunsill għandhu l-pjanti kollha f'idejħ dan jista' jagħmel talba lill-Gvern biex din id-dar tinbena'.

4.9.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega l-ħsieb li l-art tittieħed biex tinbena dar tal-anzjani u li fiha jkun hemm kamra/garaxx li jingħata lill-iscouts. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li l-ebda kamra tal-post skedat għad-dar tal-anzjani m'għandha tingħata lill-iscouts. Madanakollu, hemm qbil unanimu fost il-Membri preżenti li l-art tal-kmamar għandhom ikunu f'idejn il-Kunsill u ssir talba formali lill-awtoritajiet għal dan il-għan. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien uananimu.

## *4.10 Traffic Management fl-akkwata tal-Korsa*

4.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Colin Pace jagħti l-proposti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-immanigjar tat-traffiku fl-akkwata tal-korsa taż-żwiemel. Il-Kunsillier qal li fil-futur ser isir ħafna żvillupp fiż-żona tal-korsa bil-konsegwenza li ser jiżdied it-traffiku fl-akkwata tal-korsa. Għalhekk huwa importanti li jkun hemm pjan b'saħħtu biex nevitaw l-inkonvenjent għar-residenti tal-lokal. Wara diskussjoni qasira ġie miftiehem li l-Kunsill jibgħat lill-Transport Malta sabiex ninfurmawhom b'dawn id-dettalji bil-għan li jittieħdu passi konkreti f'dak li huwa 'traffic management'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *4.11 Attivitajiet tal-Milied – Christmas Village u għall-Anzjani*

4.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jagħti xi updates dwar dak li sar s'issa għall-Villaġġ tal-Milied. Il-Kunsillier qal li s'issa talab lill-baned tal-lokal biex joffru servizz tagħhom għall-perjodu ta' siegħa għall-prezz ta' €400 kull wiehed, kif ukoll il-Guggen Band, b'zeffiena, kant u s-sound inkluż għall-prezz ta' madwr €1,400. Li hemm bżonn isir huwa l-booking ta' ġenerator, mobile toilets, dawl li jrid jiġi estiż, 'bouncy castle', il-printing u r-reklami. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jkun hemm kumpanija li toffri t-te' u l-cafe' b'xejn għal dawk li jattendu. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

4.11.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Joseph Lia sabiex jagħti ftit dettalji għall-programm tal-attivita' tal-Milied għall-anzjani. Il-Kunsillier qal li id-data ser tkun filgħodu bejn 10.00a.m u is-1.00p.m fil-bini tal-Kunsill Lokali b'kant varjat bil-prezenza ta' Augusto Cardinale u Renato fost oħrajn. Għall-okkazzjoni ikun hemm ikel u bibiti għar-residenti. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *4.12 Estenzjoni tat-Tender tad-Dawl tal-Milied u żieda fid-Dawl*

4.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil Kunsill li tender tad-dawl tal-Milied ser ikun qed jiġi estiż b'madwar xahrejn mid-data li jagħlaq sabiex b'hekk ikun qed ikopri l-perjodu tal-Milied u l-ewwel tas-sena. Wara dan iż-żmien ser tkun qed toħroġ is-sejħa għall-kwotazzjoni kif stipulat bil-liġi permezz tas-sistema elettronika ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

4.12.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq proposta li l-Kunsill irċieva mil-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita', fejn qegħdin jitolbu l-prezz ta' €500 fis-sena biex jarmaw iż-zuntier tal-Knisja tat-Trinita'. Wara diskussjoni fost il-Membri preżenti ġie miftiehem li ż-żuntier m'għandux jintrema' mil-Kunsill minħabba li din hija art tal-Knisja. Madanakollu, kien hemm interess li l-armar jibqa' għaddej tul Triq il-Marsa sa isfel kif ukoll Triq is-Salib. B'hekk il-Kunsill qabel li l-Għaqda ser tkun qed tarma il-kumplament ta' Triq il-Marsa bil-prezz tad-differenza li hemm bejn iż-żewġ għaqdiet, filwaqt li l-attivitajiet relatati mad-dawl tal-Villaġġ tal-Milied ser ikun qed jiżdied mas-seħja tal-kwotazzjoni l-ġdida. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *4.13 Lista ta' Toroq fejn ser jiġu nstallati l-Cameras*

4.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab il-Kunsilliera sabiex ikun hemm ftehim fuq il-postijiet fejn ser jintgħazlu biex jitweħħlu l-cameras li ġew approvati f'seduta preċedenti. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-postijiet magħżula huma camera fejn l-iskips tal-korsa, fil-Menqa ħdejn il-każin tar-regatta, Belt il-Ħażna ma Triq is-Salib tal-Marsa, Triq Feliċjan Bilocca u Triq Sawra. Sadanittant, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab jekk minflok cameras normali li jissorveljaw żona fissa, ikun hemm 'Dome Camera' li ddur skont l-attivita'

li jkun hemm. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *4.14 Bankini li hemm bżonn isiru*

4.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li hemm diversi bankini li hemm bżonn li jsiru fix-xhur li ġejjin u li jistgħu jsiru peress li l-Kunsill għandhu tender ġdid. Dawn huma Triq il-Marsa, triq Nerik Sacco, Sqaq L-Ajkla li diġa' kien approvat f'seduta preċedenti, ir-rampa li qegħda faċċata tal-każin tar-regatta u l-bankina fi Triq San Bernard.  Wara diskussjoni, l-kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *4.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

4.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-9.00pm u ġiet aġġornata għall-24 t'Ottubru fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 24 t'Ottubru, 2019